KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fit-8 ta' Diċembru 2016 [1]

Kawża C-421/15 P

Yoshida Metal Industry Co. Ltd
vs

L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

"Appell — Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Raġuni ta' rifjut jew ta' invalidità tar-reġistrazzjoni — Sinjali komposti esklużivament mill-forma tal-prodott li hija neċessarja sabiex jinkiseb riżultat tekniku — Artikolu 7(1)(e)(ii) — Eżami tar-raġuni ta' rifjut jew ta' invalidità fir-rigward ta' grupp ta' prodotti jew ta' servizzi — Artikolu 52(3) — Motivazzjoni tad-deċiżjoni ta' Bord tal-Appell tal-EUIPO — Motivazzjoni globali għall-prodotti jew għas-servizzi kollha kkonċernati — Motiv ġdid fl-istadju tal-appell — Inammissibbiltà"

Introduzzjoni

1. Permezz ta' dan l-appell, Yoshida Metal Industry Co. Ltd (iktar 'il quddiem "Yoshida") qiegħda titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Mejju 2015, Yoshida Metal Industry vs EUIPO [2], li biha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi tagħha għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn, minn naħa, Pi-Design AG, Bodum France u Bodum Logistics A/S (iktar 'il quddiem, flimkien, "Pi-Design *et*) u, min-naħa l-oħra, Yoshida [3].

2. Is-sentenza appellata, li ngħatat wara li l-kawżi ntbagħtu lura quddiem il-Qorti Ġenerali wara annullament [4], tikkonferma l-invalidità taż-żewġ trade marks figurattivi rreġistrati minn Yoshida.

3. L-appell ġdid ippreżentat minn Yoshida jqajjem, barra mill-kwistjoni dwar jekk il-Qorti Ġenerali kkonformatx ruħha mas-sentenza mogħtija fl-ewwel appell, aspett supplimentari li jirrigwarda l-eżistenza tar-raġuni ta' invalidità invokata għall-prodotti kkonċernati kollha, kif ukoll is-suffiċjenza tal-motivazzjoni tad-deċiżjonijiet kontenzjużi u tas-sentenza appellata fuq dan il-punt [5].

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — T-331/10 RENV u T-416/10 RENV, mhux ippubblikata, EU:T:2015:302, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata".

3 — Deċiżjonijiet tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Mejju 2010 (Każijiet R 1235/2008-1 u R 1237/2008-1, iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet kontenzjużi").

4 — Sentenza tas-6 ta' Marzu 2014, Pi-Design *et* vs Yoshida Metal Industry (C-337/12 P sa C-340/12 P, mhux ippubblikata, EU:C:2014:129).

5 — Nosserva li problema simili tqajmet f'appell pendenti ieħor (ara l-kawża UASI vs Unibail Management, C-513/14 P, li għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja).

Il-kuntest ġuridiku

4. Skont l-Artikolu 7(1)(e)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009[6], ma jistgħux jiġu rreġistrati s-sinjali li jikkonsistu esklużivament f'"forma ta' merkanzija li hija neċessarja sabiex jinkiseb riżultat tekniku".

5. L-Artikolu 52(1)(a) ta' dan ir-regolament jipprovdi li t-trade mark tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddikjarata invalida, wara applikazzjoni, jekk it-trade mark tkun ġiet irreġistrata kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7.


6. L-Artikolu 52(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 jipprovdi:


"Jekk ir-raġuni ta' invalidità tkun teżisti biss fir-rigward ta' xi wħud mill-prodotti jew servizzi li għalihom it-trade mark tal-Unjoni Ewropea hija reġistrata, it-trade mark għandha tiġi dikjarata bħala invalida fir-rigward ta' dawk l-prodotti jew servizzi biss".

Il-fatti li wasslu għall-kawża

7. Il-fatti li wasslu għall-kawża, kif esposti fil-punti 1 sa 15 tas-sentenza appellata, jistgħu jitqassru kif ġej.

8. Fit-3 u 5 ta' Novembru 1999, Yoshida applikat mal-EUIPO għar-reġistrazzjoni ta' żewġ trade marks li jikkonsistu fis-sinjali figurattivi riprodotti hawnhekk:





9. Il-prodotti li għalihom saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni jaqgħu fil-klassijiet 8 u 21 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif irrivedut u emendat, u jikkorrispondu għad-deskrizzjoni li ġejja:

— klassi 8: "Pożati, imqassijiet, skieken, frieket, mgħaref, mwielaq, kontenituri ta' mwielaq, għodda tas-sann, pinzetti għax-xewk tal-ħut";

6 — Regolament tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 2009, L 78, p. 1). Nosserva li, f'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet sostantivi applikabbli huma dawk tar-Regolament Nru 207/2009, peress li l-kuntest ġuridiku tal-kawża huwa ffissat fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-EUIPO. Fi kwalunkwe każ, kemm l-Artikolu 7(1)(e)(ii) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146), kif ukoll l-Artikolu 51(3) tiegħu [li jikkorrispondi għall-Artikolu 52(3) tar-Regolament Nru 207/2009] huma fformulati f'termini essenzjalment analogi.

— klassi 21: "għodod u reċipjenti għat-tindif jew għal kċina (mhux minn metalli prezzjużi, jew ibbanjati fihom) mixers, spatuli għall-kċina, blokok għas-skieken, kontenituri tat-torti, kontenituri tal-kejkijiet".

10. It-trade marks inkwistjoni ġew irreġistrati fil-25 ta' Settembru 2002 u fis-16 ta' April 2003.

11. Fl-10 ta' Lulju 2007, Pi-Design *et* ippreżentaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade marks inkwistjoni bbażata fuq ir-raġuni msemmija fl-Artikolu 7(1)(e)(ii) tar-Regolament Nru 40/94.

12. B'deċiżjonijiet tal-15 u 21 ta' Lulju 2008, id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-EUIPO ċaħdet it-talbiet.

13. Permezz tad-deċiżjonijiet kontenzjużi, wara appell ippreżentat minn Pi-Design *et*, l-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO ċaħad id-deċiżjonijiet tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni u ddikjara l-invalidità tat-trade marks abbażi tal-Artikolu 7(1)(e)(ii) tar-Regolament Nru 207/2009.

Il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll is-sentenza appellata

14. Permezz ta' atti li ġew ippreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-12 ta' Awwissu u fil-15 ta' Settembru 2010, Yoshida ippreżentat rikorsi għall-annullament tad-deċiżjonijiet kontenzjużi, fejn invokat motiv wieħed ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 7(1)(e)(ii) tar-Regolament Nru 207/2009.

15. Permezz ta' żewġ sentenzi li tat fit-8 ta' Mejju 2012, Yoshida Metal Industry vs UASI – Pi-Design *et* (Rappreżentazzjoni ta' superfiċje trijangulari b'tikek suwed)[7], u Yoshida Metal Industry vs UASI – Pi-Design *et* (Rappreżentazzjoni ta' superfiċje b'tikek suwed)[8], il-Qorti Ġenerali laqgħet dan il-motiv kif ukoll dawn ir-rikorsi.

16. Permezz ta' sentenza tas-6 ta' Marzu 2014[9], li ddeċidiet l-appell ippreżentat minn Pi-Design *et*, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat dawn is-sentenzi minħabba ksur tal-istess Artikolu 7(1)(e)(ii) u bagħtet il-kawżi lura quddiem il-Qorti Ġenerali.

17. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, li ddeċidiet wara li l-kawżi ntbagħtu lura, ċaħdet l-uniku motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 7(1)(e)(ii) tar-Regolament Nru 207/2009, kif ukoll ir-rikorsi fl-intier tagħhom, u kkundannat lil Yoshida għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

It-talbiet tal-partijiet

18. Permezz tal-appell tagħha, Yoshida titlob l-annullament tas-sentenza appellata u tad-deċiżjonijiet kontenzjużi:

— prinċipalment, fl-intier tagħhom, jew

— sussidjarjament, inkwantu dawn jiddikjaraw l-invalidità tat-trade marks tagħha għal "imwielaq u kontenituri ta' mwielaq" (klassi 8) u għal "għodod u reċipjenti għat-tindif jew għal kċina (mhux minn metalli prezzjużi, jew ibbanjati fihom) u blokok għas-skieken" (klassi 21);

kif ukoll il-kundanna tal-EUIPO u ta' Pi-Design *et* għall-ispejjeż.

7 — T-331/10, mhux ippubblikata, EU:T:2012:220.

8 — T-416/10, mhux ippubblikata, EU:T:2012:222.

9 — Sentenza tas-6 ta' Marzu 2014, Pi-Design *et* vs Yoshida Metal Industry (C-337/12 P sa C-340/12 P, mhux ippubblikata, EU:C:2014:129).

19. L-EUIPO u Pi-Design *et* jitolbu li l-appell jiġi miċħud u li Yoshida tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

Analiżi

20. Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tqajjem żewġ aggravji bbażati, l-ewwel wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 7(1)(e)(ii) tar-Regolament Nru 207/2009 u, it-tieni wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 52(3) ta' dan ir-regolament.

21. Kif xtaqet il-Qorti tal-Ġustizzja, jiena ser nillimita l-analiżi tiegħi għat-tieni aggravju.

Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 52(3) tar-Regolament Nru 207/2009

22. Dan l-aggravju tqajjem insostenn tat-talbiet sussidjarji ta' Yoshida, li huma intiżi għall-annullament tas-sentenza appellata u tad-deċiżjonijiet kontenzjużi inkwantu dawn jiddikjaraw l-invalidità tat-trade marks tagħha għal ċerti prodotti kkonċernati, jiġifieri l-"imwielaq u l-konteniturі ta' mwielaq", "għodod u reċipjenti għat-tindif jew għal kċina […] u blokok għas-skieken". Dan l-aggravju huwa maqsum f'żewġ partijiet.

Fuq l-ewwel parti

23. Permezz tal-ewwel parti, Yoshida ssostni li l-Qorti Ġenerali, minħabba li naqset milli teżamina jekk ir-raġuni ta' invalidità invokata f'dan il-każ kinitx teżisti għall-prodotti kollha koperti mit-trade marks ikkontestati, kisret l-Artikolu 52(3) tar-Regolament Nru 207/2009.

24. Infakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-kwistjoni dwar jekk trade mark taqax jew le taħt wieħed mill-motivi ta' rifjut jew ta' invalidità msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 207/2009 għandha tiġi evalwata *in concreto* b'riferiment għall-prodotti jew għas-servizzi inkwistjoni [10]. Barra minn hekk, l-Artikolu 52(3) tar-Regolament Nru 207/2009 jipprovdi li jekk ir-raġuni ta' invalidità tkun teżisti biss għal xi whud mill-prodotti jew servizzi, id-dikjarazzjoni ta' invalidità taffettwa biss il-prodotti jew is-servizzi kkonċernati [11].

25. Minn dan isegwi li, minn naħa, l-eżami tar-raġunijiet ta' invalidità min-naħa tal-EUIPO għandu jirrigwarda kull wieħed mill-prodotti jew servizzi koperti mit-trade mark. Min-naħa l-oħra, id-deċiżjoni tal-EUIPO li tapplika tali raġuni għandha bħala prinċipju tkun immotivata fir-rigward ta' kull wieħed mill-imsemmija prodotti jew mill-imsemmija servizzi [12].

26. F'dan il-każ, huwa paċifiku li d-deċiżjonijiet kontenzjużi jikkonstataw l-eżistenza tar-raġuni ta' invalidità msemmija fl-Artikolu 7(1)(e)(ii) tar-Regolament Nru 207/2009, għall-prodotti kollha koperti mit-trade marks ikkonċernati.

27. Barra minn hekk, nosserva li, fl-ewwel istanza, Yoshida ma kinitx ressqet motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 52(3) tar-Regolament Nru 207/2009 mill-Bord tal-Appell, u lanqas motiv ibbażat fuq il-motivazzjoni insuffiċjenti tad-deċiżjonijiet kontenzjużi fuq dan il-punt.

10 — Sentenza tad-9 ta' Settembru 2010, OHMI/Borco-Marken-Import Matthiesen (C-265/09 P, EU:C:2010:508, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

11 — Dispożizzjoni simili hija prevista fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2008, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU 2008, L 299, p. 25) (ex Artikolu 13 tal-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol 1, p. 92).

12 — Ara, f'dan is-sens, dwar l-Artikolu 13 tad-Direttiva 89/104, is-sentenza tal-15 ta' Frar 2007, BVBA Management, Training en Consultancy (C-239/05, EU:C:2007:99, punt 34) u, dwar ir-Regolament Nru 207/2009, id-digriet tat-18 ta' Marzu 2010, CFCMCEE vs UASI (C-282/09 P, EU:C:2010:153, punti 37 sa 41).

28. Għaldaqstant, l-aggravju mressaq minn Yoshida fl-istadju tal-appell għandu jinftiehem bħala li jikkritika lill-Qorti Ġenerali li ma qajmitx – *ex officio* – l-allegat nuqqas tal-Bord tal-Appell tal-EUIPO li jeżamina r-raġuni ta' invaliditä fir-rigward tal-prodotti kollha kkonċernati u li, fuq dan il-punt, jimmotiva d-deċiżjonijiet tiegħu b'mod suffiċjenti fid-dritt.

29. Jeħtieġ li jiġi analizzat jekk tali aggravju, li fis-sustanza jwassal sabiex jikkritika lill-Qorti Ġenerali talli naqset li tqajjem motiv *ex officio*, huwiex ammissibbli fl-istadju tal-appell.

– Fuq l-ammissibbiltà

30. Nosserva li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma tistax tkun ikkritikata talli ma ddeċidietx fuq motiv li ma jkunx tressaq quddiemha [13].

31. L-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju tqajjem diffikultajiet fir-rigward ta' motivi li jitqajmu *ex officio*.

32. Jista' jingħad li, peress li l-qorti tal-ewwel istanza tista', jew saħansitra għandha, tqajjem motiv *ex officio*, meta hija tonqos milli tagħmel dan, hija stess twettaq żball ta' liġi li jista' jiġi ssanzjonat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell. Dan l-approċċ jista' jispjega għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja xi kultant taċċetta li teżamina tali aggravju fl-istadju tal-appell [14].

33. Madankollu, minn preċiżazzjoni li saret fil-ġurisprudenza iktar reċenti jirriżulta li l-aggravju fl-appell li jkun ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali tkun naqset milli tistħarreġ *ex officio* l-motivazzjoni ta' deċiżjoni li tkun saritilha talba għall-annullament tagħha, huwa inammissibbli peress li dan jirrigwarda aspetti li ma jkunux tressqu quddiem il-Qorti Ġenerali.

34. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet bħala inammissibbli aggravju bbażat fuq l-allegata ommissjoni min-naħa tal-Qorti Ġenerali li tissanzjona l-insuffiċjenza tal-motivazzjoni ta' tali deċiżjoni, fuq punti li ma kinux tressqu espressament mir-rikorrent fir-rikors tiegħu quddiem il-Qorti Ġenerali [15].

35. Nikkunsidra li din il-limitazzjoni li tapplika għall-aggravji fl-appell hija kompletament iġġustifikata mill-prinċipji tal-proċess fl-appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, fil-kuntest ta' appell, il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, limitata għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li ngħatat għall-motivi diskussi quddiem il-qrati li jkunu semgħu l-kawża fuq il-mertu [16]. L-eżami tal-fondatezza tal-evalwazzjonijiet ikkontestati jimplika neċessarjament li tiġi vverifikata n-natura suffiċjenti tal-motivi tad-deċiżjoni li l-annullament tagħha jkun intalab quddiem il-Qorti Ġenerali. Madankollu, ikun eċċessiv li l-Qorti Ġenerali tkun meħtieġa tistħarreġ *ex officio* l-motivazzjoni ta' tali deċiżjoni fuq aspetti li ma jkunux tressqu quddiemha [17].

36. Minn dan jirriżulta li aggravju li jkun ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali ma tkunx issanzjonat *ex officio* ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni mill-organu awtur tal-att, fuq punti li ma kinux tressqu espressament quddiem il-Qorti Ġenerali, huwa inammissibbli fl-istadju tal-appell.

37. Fil-fehma tiegħi, dan l-approċċ japplika wkoll għall-kawżi dwar it-trade marks.

13 — Ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-8 ta' Diċembru 2011, Chalkor vs Il-Kummissjoni (C-386/10 P, EU:C:2011:815, punt 70), u tat-22 ta' Ottubru 2015, AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni (C-194/14 P, EU:C:2015:717, punt 55).

14 — Ara d-digriet tad-9 ta' Frar 2012, Deutsche Bahn vs UASI (C-45/11 P, mhux ippubblikat, EU:C:2012:69, punt 61), u s-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2014, FLS Plast vs Il-Kummissjoni (C 243/12 P, EU:C:2014:2006, punt 48), li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali għamlet tajjeb li ma tqajjimx *ex officio* l-motiv ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni li quddiemha tressqet talba għall-annullament tagħha.

15 — Sentenzi tas-26 ta' Novembru 2013, Gascogne Sack Deutschland vs Il-Kummissjoni (C-40/12 P, EU:C:2013:768, punti 46 sa 55 u 61 sa 64) u tas-17 ta' Settembru 2015, Total vs Il-Kummissjoni (C-597/13 P, EU:C:2015:613, punti 21 u 22).

16 — Sentenza tas-26 ta' Novembru 2013, Gascogne Sack Deutschland vs Il-Kummissjoni (C-40/12 P, EU:C:2013:768, punt 52). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Total vs Il-Kummissjoni (C-597/13 P, EU:C:2015:207, punti 118 sa 128).

17 — Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Total vs Il-Kummissjoni (C-597/13 P, EU:C:2015:207, punti 118 sa 128).

38. Għal dak li jirrigwarda b'mod iktar konkret l-applikazzjoni mill-EUIPO u mill-Qorti Ġenerali tal-Artikolu 52(3) tar-Regolament Nru 207/2009, appell ma jistax jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell hijiex suffiċjentement immotivata fir-rigward ta' wħud mill-prodotti jew mis-servizzi meta l-appellant ma jkunx qajjem espliċitament dan il-punt quddiem il-Qorti Ġenerali.

39. Ma huwiex biżżejjed, f'dan ir-rigward, li l-appellant ikun ikkontesta b'mod ġenerali l-applikabbiltà tar-raġuni ta' rifjut jew ta' invalidità għall-prodotti jew għas-servizzi kollha kkonċernati. Sabiex ikun jista' jeċċepixxi l-inapplikabbiltà ta' tali raġuni għal uħud biss minn dawn il-prodotti jew dawn is-servizzi, huwa jrid ikun għamel dan espliċitament matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

40. Din is-soluzzjoni tista' tkun dedotta mill-ġurisprudenza tagħna. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, inkwantu deċiżjoni tal-EUIPO tkun tindika mingħajr dubju li r-raġuni ta' rifjut kienet tapplika għall-prodotti kollha kkonċernati, huwa l-obbligu tar-rikorrent li jidentifika, fir-rikors tiegħu quddiem il-Qorti Ġenerali intiż għall-annullament ta' din id-deċiżjoni, dawk fosthom li, fil-fehma tiegħu, ma setgħatx tapplika fil-konfront tagħhom ir-raġuni ta' rifjut jew li jikkontesta l-fatt li l-prodotti kkonċernati kienu jifformaw kategorija omoġenja [18].

41. F'dan il-każ, fil-kuntest tar-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, Yoshida kkontestat biss l-applikazzjoni tar-raġuni ta' invalidità b'mod ġenerali u ma semmietx speċifikament l-applikazzjoni tal-imsemmija raġuni għal uħud mill-prodotti kkonċernati, jiġifieri għall-"imwielaq u l-konteniturі ta' mwielaq", għall-"għodod u reċipjenti għat-tindif jew għal kċina" u għall-"blokok għas-skieken".

42. Konsegwentement, fl-istadju tal-appell, Yoshida ma tistax tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli ma eżaminatx dan il-punt *ex officio* u lanqas talli naqset milli tissanzjona l-allegat nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjonijiet kontenzjużi fuq dan il-punt.

43. Kien ikun differenti, fil-fehma tiegħi, kieku ma kienx il-Bord tal-Appell imma l-Qorti Ġenerali li kkonstatat għall-ewwel darba l-eżistenza ta' raġuni ta' invalidità għal dawn il-prodotti [19]. Fil-fatt, f'tali każ, l-insuffiċjenza tal-motivazzjoni tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali, mill-perspettiva tal-Artikolu 52(3) tar-Regolament Nru 207/2009, tkun tista' titqajjem validament fl-istadju tal-appell [20].

44. Madankollu, dan ma huwiex il-każ hawnhekk, peress li l-Qorti Ġenerali sempliċement ikkonfermat id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell tal-EUIPO li ddikjaraw bħala invalidi t-trade marks ta' Yoshida għall-prodotti kkonċernati kollha.

45. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, l-ewwel parti ta' dan l-aggravju hija inammissibbli.

– *Sussidjarjament, fuq il-mertu*

46. Anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li din il-parti tat-tieni aggravju hija ammissibbli, jidhirli li din hija, fi kwalunkwe każ, infondata.

18 — Digriet tal-11 ta' Diċembru 2014, FTI Touristik vs UASI (C-253/14 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2445, punt 49). Nirrileva li, f'dik il-kawża, ir-rikorrent kien ikkontesta quddiem il-Qorti Ġenerali l-applikabbiltà tar-raġuni ta' rifjut għal uħud mill-prodotti u servizzi, imma ma kienx elabora suffiċjentement dan l-argument. Konsegwentement, l-aggravju tal-appell inkwistjoni ma kienx ġie miċħud bħala inammissibbli imma bħala manifestament infondat.

19 — Nosserva li l-Qorti Ġenerali għandha s-setgħa li tirriforma d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-EUIPO, skont l-Artikolu 65(3) tar-Regolament Nru 207/2009.

20 — Ara, għal tali sitwazzjoni, fil-kuntest tal-eżami ta' raġuni għal rifjut, is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, Isdin vs Bial-Portela (C-597/12 P, EU:C:2013:672, punti 28 u 29).

47. Nixtieq infakkar l-ewwel nett li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni għandha turi b'mod ċar u mhux ekwivoku r-raġunament tal-awtur tal-att b'mod li l-persuni interessati jkunu jistgħu jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda u b'mod li l-qorti kompetenti tkun tista' tagħmel l-istħarriġ tagħha. Madankollu, ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-elementi ta' fatt u ta' dritt rilevanti kollha inkwantu l-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att hijiex suffiċjenti għandha tkun evalwata fid-dawl mhux biss tal-kliem tagħha iżda wkoll tal-kuntest tagħha kif ukoll tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw is-suġġett ikkonċernat [21].

48. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-awtorità kompetenti, meta tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' trade mark, hija marbuta li tindika fid-deċiżjoni tagħha l-konklużjoni li waslet għaliha fir-rigward ta' kull wieħed mill-prodotti u mis-servizzi msemmija. Madankollu, meta l-istess raġuni ta' rifjut jew ta' invalidità tiġi invokata għal kategorija jew għal grupp ta' prodotti jew ta' servizzi, l-awtorità kompetenti tista' sempliċement tagħti motivazzjoni globali għall-prodotti jew għas-servizzi kkonċernati kollha [22].

49. Din il-possibbiltà tal-awtorità kompetenti fil-qasam tat-trade marks tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni spiss jirrigwardaw diversi prodotti jew servizzi [23].

50. L-istess approċċ ġie adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja għal dak li jikkonċerna l-eżami tar-raġunijiet ta' rifjut jew ta' invalidità mill-EUIPO [24].

51. Bil-għan li ma tippreġudikax id-dritt għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv, il-possibbiltà li tingħata motivazzjoni globali għall-prodotti jew għas-servizzi kkonċernati kollha tapplika biss għal prodotti u għal servizzi li bejniethom ikollhom rabta suffiċjentement diretta u konkreta sal-punt li jifformaw kategorija jew grupp ta' prodotti jew ta' servizzi b'omoġenjità suffiċjenti [25].

52. Fil-fehma tiegħi din il-kundizzjoni hija ampjament issodisfatta fil-każ preżenti.

53. Nosserva li l-prodotti koperti mit-trade marks ikkontestati, jiġifieri "pożati, imqassijiet, skieken, frieket, mgħaref, imwielaq, kontenituri ta' mwielaq, għodda tas-sann, pinzetti għax-xewk tal-ħut" u "għodod u reċipjenti għat-tindif jew għal kċina (mhux minn metalli prezzjużi, jew ibbanjati fihom) mixers, spatuli għall-kċina, blokok għas-skieken, kontenituri tat-torti, kontenituri tal-kejkijiet)", huma kollha għodod tal-kċina [26].

54. Fil-fehma tiegħi, dawn il-prodotti jiffurmaw grupp biżżejjed omoġenju għall-iskopijiet tal-eżami tar-raġuni ta' invalidità invokata.

21 — Sentenza tal-21 ta' Ottubru 2004, KWS Saat vs UASI (C-447/02 P, EU:C:2004:649, punt 65).

22 — Sentenza tal-15 ta' Frar 2007, BVBA Management, Training en Consultancy (C-239/05, EU:C:2007:99, punt 38).

23 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża BVBA Management, Training en Consultancy (C-239/05, EU:C:2006:450, punti 42 u 43).

24 — Ara d-digrieti tas-6 ta' Frar 2009, MPDV Mikrolab vs UASI (C-17/08 P, mhux ippubblikat, EU:C:2009:64, punt 34); tad-9 ta' Diċembru 2009, Prana Haus vs UASI (C-494/08 P, mhux ippubblikat, EU:C:2009:759, punt 46); tat-18 ta' Marzu 2010, CFCMCEE vs UASI (C-282/09 P, EU:C:2010:153, punt 37 u 38); tal-21 ta' Marzu 2012, Fidelio vs UASI (C-87/11 P, mhux ippubblikat, EU:C:2012:154, punt 43); sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, Isdin vs Bial-Portela (C-597/12 P, EU:C:2013:672, punt 27), kif ukoll il-ġurisprudenza abbondanti tal-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari s-sentenzi tas-27 ta' April 2016, Niagara Bottling vs EUIPO (NIAGARA) (T-89/15, mhux ippubblikata, EU:T:2016:244, punt 31), u tat-12 ta' Mejju 2016, Zuffa vs EUIPO (ULTIMATE FIGHTING CHAMPIONSHIP) (T-590/14, mhux ippubblikata, EU:T:2016:295, punt 26).

25 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Frar 2007, BVBA Management, Training en Consultancy (C-239/05, EU:C:2007:99, punt 36), u d-digriet tat-18 ta' Marzu 2010, CFCMCEE vs UASI (C-282/09 P, EU:C:2010:153, punt 40), kif ukoll il-ġurisprudenza abbondanti tal-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari s-sentenzi tas-16 ta' Ottubru 2014, Larrañaga Otaño vs UASI (GRAPHENE) (T-458/13, EU:T:2014:891, punt 26), u tat-2 ta' April 2009, Zuffavs UASI (ULTIMATE FIGHTING CHAMPIONSHIP) (T-118/06, EU:T:2009:100, punt 28).

26 — Il-fatt li l-prodotti jaqgħu taħt żewġ klassijiet differenti, jiġifieri l-klassijiet 8 u 21, kif enfasizzat Yoshida fl-appell tagħha, huwa irrilevanti, peress li l-klassifikazzjoni fi ħdan il-Ftehim ta' Nice saret għal skopijiet purament amministrattivi.

55. Fil-fatt, mill-motivi tad-deċiżjonijiet kontenzjużi [27] jirriżulta li s-sinjali kkontestati jirrappreżentaw mankijiet tal-prodotti li għalihom saret applikazzjoni għar-reġistrazzjoni. Dan ir-raġunament huwa bbażat fuq il-premessa li l-prodotti kkonċernati kollha, jiġifieri d-diversi għodod tal-kċina, jista' jkollhom manku.

56. Fil-fehma tiegħi, għaldaqstant, il-Bord tal-Appell indika b'mod suffiċjenti fid-dritt ir-raġunijiet għaliex kienet teżisti rabta bejn il-prodotti kkonċernati li tiġġustifika li dawn jiġu eżaminati flimkien. Il-motivi tad-deċiżjonijiet kontenzjużi, għalkemm konċiżi, huma koerenti u jippermettu lil Yoshida tifhem ir-raġunament tal-Bord tal-Appell tal-EUIPO fir-rigward tal-prodotti kkonċernati kollha, u lill-Qorti Ġenerali tistħarreġ dan ir-raġunament.

57. Għandha ssir distinzjoni bejn il-kwistjoni tal-motivazzjoni u dik li tikkonċerna l-fondatezza tal-imsemmija deċiżjonijiet [28]. L-obbligu tal-motivazzjoni ġie ssodisfatt, peress li mill-motivi ċari u koerenti ta' dawn id-deċiżjonijiet jirriżulta li l-Bord tal-Appell qies li l-prodotti kollha inkwistjoni kienu jifformaw grupp omoġenju minħabba li kellhom karatteristika komuni. Il-kwistjoni dwar jekk il-Bord tal-Appell ikkunsidrax, b'mod żbaljat, kif issostni l-appellanti, li l-prodotti kollha kellhom din il-karatteristika komuni taqa' taħt il-fondatezza tal-imsemmija deċiżjonijiet kontenzjużi.

58. F'dan ir-rigward, l-argument ta' Yoshida fejn tgħid li ċerti prodotti kkonċernati ma għandhomx manku huwa intiż, fir-realtà, li jikkontesta l-fondatezza tar-raġunament tal-Bord tal-Appell fuq aspett ġdid, li ma ġiex invokat quddiem il-Qorti Ġenerali u li jikkonċerna, mill-bqija, element ta' fatt. Dan l-argument huwa għaldaqstant inammissibbli fl-istadju tal-appell.

59. Fi kwalunkwe każ, dan l-argument ma tressaqx b'mod konvinċenti. Minn naħa, għal dak li jikkonċerna l-"imwielaq" jew l-"għodod u reċipjenti għat-tindif jew għal kċina", li jinkludu t-taġnijiet u l-borom, Yoshida ma tispjegax għaliex dawn il-prodotti ma jistgħux ikollhom manku.

60. Min-naħa l-oħra, għal dak li jirrigwarda l-"kontenituri ta' mwielaq" u l-"blokok għas-skieken", kif josserva ġustament l-EUIPO, dawn huma prodotti li ma għandhomx użu awtonomu fir-rigward tal-immanuvrar tal-imwielaq jew tas-skieken u għaldaqstant ma jistgħux jifformaw kategorija jew grupp ta' prodotti distinti għall-iskopijiet tal-eżami tar-raġunijiet ta' rifjut jew ta' invalidità. Fl-aħħar nett, anki jekk wieħed jippreżumi li l-"blokok għas-skieken" jistgħu jitqiesu bħala li jikkostitwixxu grupp ta' prodotti distint minn dak tas-"skieken", xorta waħda tkun tinħtieġ soluzzjoni komuni [29].

61. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, nikkunsidra li l-ewwel parti tat-tieni aggravju tal-appell hija inammissbbli jew, fi kwalunkwe każ, infondata.

Fuq it-tieni parti

62. Yoshida ssostni li r-raġunament użat mill-Qorti Ġenerali ma jistax japplika għal ċerti prodotti kkonċernati, jiġiferi dawk li ma għandhomx manku.

27 — Ara l-punti 30, 34 sa 36 u 40 tad-deċiżjonijiet kontenzjużi.

28 — Ara s-sentenza tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France (C-367/95 P, EU:C:1998:154, punt 67).

29 — Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, b'mod kostanti, li meta jkun meħtieġ jew minn tal-inqas implikat l-użu konġunt taż-żewġ kategoriji ta' prodotti, minħabba l-karatteristiċi intrinsiċi tagħhom, il-Bord tal-Appell jista' japplikalhom soluzzjoni komuni. Ara s-sentenzi tat-2 ta' Diċembru 2008, Ford Motor vs UASI (FUN), (T-67/07, EU:T:2008:542, punt 44), u tat-8 ta' Settembru 2010, Wilfer vs UASI (rappreżentazzjoni tal-parti ta' fuq ta' kitarra) (T-458/08, mhux ippubblikata, EU:T:2010:358, punt 66).

63. Nosserva li l-istħarriġ tal-obbligu ta' motivazzjoni mill-Qorti Ġenerali għandu jiġi distint mil-legalità fil-mertu tas-sentenza appellata [30]. Issa, f'dan il-każ, meta tinvoka l-allegata irregolarità li biha huwa vvizzjat ir-raġunament tas-sentenza appellata, Yoshida qiegħda tikkontesta, fir-realtà, il-fondatezza tal-konstatazzjonijiet fattwali magħmula mill-Qorti Ġenerali, li huma esklużi mill-istħarriġ li jsir fl-istadju tal-appell [31].

64. Għaldaqstant, it-tieni parti ta' dan l-aggravju hija, fil-fehma tiegħi, inammissibbli wkoll.

Konklużjoni

65. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiċħad it-tieni aggravju bħala inammissibbli jew, fi kwalunkwe każ, bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

30 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France (C-367/95 P, EU:C:1998:154, punt 67), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger fil-kawża Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-197/99 P, EU:C:2001:658, punti 39 u 40).

31 — Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat l-inammissibbiltà ta' aggravju bbażat fuq l-argument li l-kategorija tal-prodotti u tas-servizzi inkwistjoni, użata għall-eżami ta' raġuni assoluta għal rifjut, ma kinitx tikkostitwixxi kategorija omoġenja. Ara d-digriet tas-7 ta' Lulju 2011, MPDV Mikrolab vs UASI (C-536/10 P, mhux ippubblikat, EU:C:2011:469, punti 34 u 38).